MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 339/2002/1

**Maria Victoria Cutajar**

**v.**

**Joseph George Cutajar**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li l-attrici ressqet fil-25 ta' Marzu, 2002, li jaqra hekk:
"Billi l-kontendenti zzewgu fil-15 ta' Awissu 1991 fil-Katidral tal-Imdina.

“Billi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, u ingurji gravi da parti tal-konvenut.

“Billi l-kontendenti ghandhom zewgt itfal minuri cioe`, Mark u Sarah, ahwa Cutajar, illi ghandhom sitt snin u erba' snin rispettivament.

“Billi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f'dan is-sens moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Marzu 2002 (Dok A).

“Jghid l-istess konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

“1. tiddikjara u tippropunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda.

“2. tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha.

“3. tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tal-kontendenti Mark u Sarah ahwa Cutajar tigi fdata lill-attrici salv l-access tal-konvenut fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti.

“4. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu, ghaliha u ghall-imsemmija tfal minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skont il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta’ l-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut.

“5. tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

“6. tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess kommunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti il-kommunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabilit minn dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess kommunjoni u tad-data stabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati

tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

“7. tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

“8. tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata eskluzivament mill-attrici.

“9. tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

“Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti u tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru *626/02* ipprezentat fit-22 ta' Marzu 2002 kontra l-konvenut illi hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fit-23 ta’ Gunju, 2011, li in forza taghha, iddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

“[1] tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn iz-zewg partijiet bi htija tat-tnejn, u tistabilixxi d-data tas-sentenza bhala d-data tal-firda;

“[2] tilqa’ t-tieni talba;

“[3] tilqa’ it-tielet talba, fit-termini gja deciz fil-kawza precitata;

“[4] tilqa’ ir-raba’ talba limitatament ghall-manteniment tat-tfal, u fit-termini u kif gja stabbit u ordnat fis-sentenza numru 1561/01 fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’;

“[5] tilqa’ il-hames talba;

“[6] tilqa’ is-sitt talba fis-sens gja deciz fis-sentenza precitata;

“[7] tilqa’ seba’ talba;

“[8] tilqa’ t-tmien talba, limitatament ghall-perijodu ta’ erba’ [4] snin kif diga’ deciz fil-kawza precitata, u precizament fis-sezzjoni ntestata “Komunjoni ta’ l-Akkwisti.”;

“[9] tilqa’ id-disa’ talba;

"L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament bejn iz-zewg partijiet, b'mod ugwali."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet peress li l-hajja konjugali bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli, ghar-ragunijiet kontemplati fl-Artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 imputabbli lill-konvenut.

"Illi f'dan il-kaz il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula u l-konkluzjonijiet raggjunti minn din il-Qorti fil-kawza fuq indikata u li giet deciza llum, u taddottahom fl-intier taghhom."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:
"… … … tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Tal-Familja) fit-23 ta' Gunju 2011 fl-ismijiet premessi, billi filwaqt illi tikkonfermaha inkwantu laqghet l-ewwel talba tal-appellanti u ppronunzjat s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ukoll bi htija tal-appellat; inkwantu laqghet it-tielet talba fejn fdat il-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tal-kontendenti lill-appellanti; inkwantu laqghet il-hames talba u s-seba' talba tal-attrici appellanti; inkwantu laqghet is-sitt talba ghax-xoljiment tal-kommunjoni tal-akkwisti; inkwantu laqghet id-disa' talba tal-attrici appellanti; izda tirrevokaha inkwantu laqghet l-ewwel talba tal-appellanti u ppronunzjat s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, ukoll bi htija tal-appellanti; inkwantu ordnat li l-access jigi regolat kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja' tas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet inversi; inkwantu laqghet ir-raba' talba limitatament ghall-manteniment tat-tfal u fit-termini stabbilita fis-sentenza fl-ismijiet inversi; inkwantu laqghet is-sitt talba talba u llikwidat l-komunjoni ta' l-akkwisti u assenjata kif stabbilit fil-kawza fl-ismijiet inversi; inkwantu laqghet it-tmien talba, limitatament ghall-perijodu ta' erba' [4] snin kif hu stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti' tas-

sentenza fl-ismijiet inversi; u nkwantu ordnat illi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament u b'mod ugwali bejn il-partijiet; u minflok tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba l-htija tal-konvenut appellat, u filwaqt illi tordna illi il-kura u kustodja tat-tfal minuri tigi fdata Iill-appellanti, tordna illi l-access tal-appellant ghat-tfal minuri jigi ezercitat biss f'hinijiet illi jigu appozitament fissati minn dina l-Onorabbli Qorti, tenut ta' dak li gie rilevat f'dan l-appell u li, fir-rigward tal-minuri Mark u in vista tal-eta` tieghu, tali access jigi ezercitat bi ftehim bejn l-appellat u l-istess minuri minn zmien ghal zmien; mill-gdid tillikwida il-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti wara li tqis is-sottomissjonijiet maghmula f'dan l-appell u tassenja lill-kontendenti l-porzjonijiet spettanti lilhom tal-istess komposti kif inhu propost u sottomess f'dan l-appell, jew komposti xort' ohra kif ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti; tordna illi, f'kaz illi l-propjeta` gewwa Kalkara, gja d-dar konjugali, ma tkunx inkluza mas-sehem ossija porzjoni tal-gid kommuni assenjat lill-appellanti, kif minnha propost, tordna illi l-appellanti, flimkien mal-ulied tal-familja, jibqghu jghixu fl-istess dar sa zmien sena wara li t-tfal it-tnejn ma jibqghux jghixu hemm. jew ghal zmien iehor illi jigi stabbilit minn dina l-istess Qorti, u tordna illi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-appellat."

Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, stqarr illi s-sentenza appellata timmerita konferma u l-appell ghandu jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kotra l-appellanta;

Rat l-appell incidentali tal-istess konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti datata 26 ta' Gunju 2011 fl-ismijiet premessi billi tordna li s-somma ta' €122,471.47c (LM52,577) li giet depozitata fl-akkont bankarju numru 40010527669 mal-Bank of Valletta plc bejn April 2001 u Gunju 2004 tigi assenjata kollha lill-appellat, u l-attrici ma jkollha l-ebda sehem minnha, filwaqt li s-sentenza tal-Ewwel Qorti tigi konfermata fil-bqija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi u tal-appell incidentali kontra l-attrici.

Rat ir-risposta tal-attrici appellanti ghall-appell incidentali tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, eccepiet illi l-appell incidentali tal-appellat ghandu jigi michud bl-ispejjez u s-sentenza appellata kkonfermata f'dak li tirrigwarda l-meritu tal-appell incidentali interpost mill-appellat;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi din hi kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet li zzewwgu fil-15 ta' Awwissu, 1991, u l-meritu taghha hu identiku ghal dak tal-kawza, fl-ismijiet inversi, citazzjoni numru 1561/01, li t-tnejn gew decizi mill-ewwel Qorti fl-istess jum, kif se tghamel ukoll din il-Qorti.

Il-provi ghall-fini tal-meritu ingabru fil-kawza l-ohra, u din il-Qorti, taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet taghha fil-kawza l-ohra, u tqis li dawk il-konsiderazzjonijiet u motivazzjonijiet li wasslu ghad-decizjoni taghha fil-kawza l-ohra ghandhom japplikaw ukoll ghall-fini ta' din il-kawza, u taddottahom fl-intier taghhom.

Peress illi din il-Qorti pprovdiet fuq il-lanjanzi tal-partijiet fil-kawza l-ohra, ma tarax li ghandha taghmel l-istess f'din il-kawza, ghax altrimenti tkun qed tipprovdi darbtejn fuq l-istess affarijiet!

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tastjeni milli tipprovdi fuq id-diversi talbiet tal-partijiet f'din il-kawza, peress illi diga` pprovdiet fuq l-istess fil-kawza fl-ismijiet inversi, citazzjoni numru 1561/01, deciza minn din il-Qorti llum stess.

L-ispejjez in prim istanza, jithallsu kif ordnat l-ewwel Qorti, waqt li dawk marbuta mal-procedimenti fi stadju tal-appell jithallsu kollha kwantu ghal tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-attrici appellanti, u kwart ($^{1}/_{4}$) mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------